

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 219

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

20 ta' Awwissu 2010

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2010 tad-19 ta' Awwissu 2010 li jiftaħ investigazzjoni rigward il-possibbiltà li ġew evitati miżuri ta' anti-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1425/2006 dwar l-importazzjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik permezz ta' kumpanija Ċiniża suġġetta għal rata ta' dazju aktar baxx, u jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni** 1
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2010 tad-19 ta' Awwissu 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 5

DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EU kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva** 7

Prezz: 3 EUR

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2010/462/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Awwissu 2010 dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' finanzjament fuq proġett pilota għall-promozzjoni tal-għoti ta' setgħa lill-konsumatur, l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej permezz tat-taħriġ tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet simili** 21



II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 748/2010

tad-19 ta' Awwissu 2010

li jiftaħ investigazzjoni rigward il-possibbiltà li ġew evitati miżuri ta' anti-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1425/2006 dwar l-importazzjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik permezz ta' kumpanija Ċiniża suġġetta għal rata ta' dazju aktar baxx, u jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

B. MIŻURI EŻISTENTI

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

- (4) Il-miżuri li hemm fis-seħħ bħalissa u li possibbilment dwarhom qed ikun hemm evazzjoni, huma l-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1425/2006 ⁽²⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2009 ⁽³⁾.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ir-Regolament bażiku) ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikoli 13(3), 14(3) u 14(5) tiegħu,

C. RAĠUNIJET

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

- (5) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha evidenza *prima facie* suffiċjenti li l-miżuri ta' antidumping fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat prodott minn ċerti produttori huma bħalissa suġġetti għal rata ta' dazju residwa ta' 28,8 % (il-kodiċi addizzjonali tat-TARIC A999) qed ikunu evażi permezz ta' ri-organizzazzjoni ta' mudelli u kanali ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Dawn il-produttori u esportaturi sabiex eventwalment ikunu jistgħu jesportaw il-prodotti tagħhom lejn l-Unjoni permezz ta' produttur esportatur li jibbenefika minn rata ta' dazju għall-esportaturi li jikkooperaw mhux magħżulin biex jagħmlu parti minn kampjun ta' 8,4 % (XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD), elenkata flimkien ma' kumpaniji oħra mhux inklużi fil-kampjun fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 li hi aktar baxxa mir-rata ta' dazju residwa ta' 28,8 %.

L-evidenza *prima facie* għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni hija kif ġej:

- (1) Il-Kummissjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, li tinvestiga fuq inizzjattiva tagħha l-possibbiltà ta' evazzjoni tal-miżuri tal-antidumping imposti fuq importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

A. IL-PRODOTT

- (2) Il-prodott ikkonċernat fl-evazzjoni possibbli huwa xkejjer u basktijiet tal-plastik li fihom tal-anqas 20 %, skont il-piż, ta' polijetilina u b'kisi ta' ħxuna li ma taqbiżx il-100 mikrometru (µm), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jaqgħu fil-kodiċi NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90 (il-kodiċi ta' TARIC 3923 21 00 20, 3923 29 10 20, u 3923 29 90 20) (il-prodott ikkonċernat).

- (3) Il-prodott li qed jiġi investigat hu xkejjer u basktijiet tal-plastik li fihom tal-anqas 20 %, skont il-piż, ta' polijetilina u b'kisi ta' ħxuna li taqbiżx il-100 mikrometru li bħalissa jinsabu fl-istess kodiċi bħall-prodott ikkonċernat iddikjarat li huwa mmanifatturat minn jew għall-kumpanija XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD.

- (6) Sar tibdil sinifikanti fil-mudell tal-kummerċ li jinvolvi l-esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni biżżejjed għal tibdil bħal dan għajr l-impożizzjoni tat-taxxa.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 270, 29.9.2006, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 67, 12.3.2009, p. 5.

- (7) Din il-bidla fil-mudelli ta' kummerċ jidher li ġejja minn esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat prodott minn produtturi Ċiniżi suġġetti għal rata ta' dazju residwa, permezz ta' produttur esportatur li jibbenefika minn rata ta' dazju għall-esportaturi li jikkooperaw mhux magħżulin biex jagħmlu parti mir-rata tal-kampjun (XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD li hi aktar baxxa mir-rata ta' dazju residwa).
- (8) Barra minn dan, l-evidenza tindika l-fatt illi l-effetti rimedjali tal-miżuri antidumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiġu mxejja l'fatermi ta' prezz. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza *prima facie* illi ż-żieda fl-importazzjoni qiegħda ssir bi prezzijiet ferm inqas mill-prezz bla danni stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.
- (9) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha fidejha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prezzijiet tal-prodott li qed jiġi investigat huma oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit preċedentement għall-prodott ikkonċernat.
- (10) Jekk il-prassi ta' evażjoni li hija koperta bl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dik imsemmija hawn fuq, tiġi identifikata fl-andament tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri din il-prassi wkoll.

D. PROĊEDURA

- (11) Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u li tagħmel l-importazzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat soġġetta għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għandha tkun limitata għall-prodotti dikjarati bħala manifatturati minn jew għal XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD li għalhekk għandha tkun iddikjarata skont kodiċi addizzjonali speċifiku tat-TARIC A981 mingħajr ma jaffettwa l-livell ta' dazju impost bir-Regolament (KE) Nru 1425/2006.

(a) Kwestjonarji

- (12) Sabiex tinkiseb l-informazzjoni li hemm bżonn għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lil XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD kif ukoll lil kumpaniji oħra li allegatament jesportaw lejn l-Unjoni permezz tax-XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD.
- (13) Ikun xi jkun il-każ, il-partijiet kollha interessati għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux aktar tard mill-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament biex isiru jafu jekk humiex magħrufa, u jitolbu kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, peress li l-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

- (14) L-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina se jiġu nnotifikati bil-ftuħ tal-investigazzjoni.

(b) Ġbir ta' informazzjoni u seduti ta' smigħ

- (15) Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm ikunu għamlu talba bil-miktub u wrew li hemm raġunijiet partikolari għalfen għandhom jinstemgħu.

E. REĠISTRAZZJONI

- (16) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat, jiġifieri xkejjer u basktijiet tal-plastik iddikjarati skont il-kodiċi addizzjonali tat-TARIC A981 għandhom ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni biex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet ta' evażjoni, ikunu jistgħu jiġu imposti dazji tal-antidumping ta' ammont xieraq b'mod retroattiv mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

F. LIMITI TA' ŻMIEN

- (17) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li fihom:
- il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħhom jew kull tagħrif ieħor li jrid jitqies fl-investigazzjoni,
 - il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.
- (18) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta ruħha fil-limiti taż-żmien imsemmijin fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

G. IN-NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

- (19) F'każ li xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għat-tagħrif meħtieġ jew ma tipprovdiha fil-limiti ta' żmien stipulati, jew tfixx l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (20) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, dak it-tagħrif għandu jitwarab u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli. Jekk xi parti interessata ma tikkoooperax jew tikkooopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

H. L-ISKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI

Artikolu 2

- (21) L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-awtoritajiet Doganali huma permezz ta' dan mitluba, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, li jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

I. IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI

- (22) Ta' min jinnotta li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta ⁽¹⁾.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

J. L-UFFIĊJAL GĦAS-SMIGĦ

- (23) Qed tinġibed l-attenzjoni wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. Dan jaġixxi bħala medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li joffri, fejn ikun meħtieġ, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni taż-żmien preskritt u t-trattament tas-sottomissjoni tal-opinjoni bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-Internet tal-Uffiċjal tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kummerċ (<http://ec.europa.eu/trade>).

1. Il-kwestjonarji għandhom jiġu mitluba mingħand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-partijiet interessati, jekk iridu li r-rappreżentazzjonijiet tagħhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kull tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għajr jekk speċifikat mod ieħor.

3. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

4. Kull tagħrif, kull talba għal seduta jew għal kwestjonarju kif ukoll kull talba għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri iridu jsiru bil-miktub (mhux f'format elettroniku, sakemm mhux speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull preżentazzjoni bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala "Limitata" ⁽²⁾ u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandha tkun akkumpanjata minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati".

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'hekk infetħet investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 sabiex ikun idde-terminat jekk l-importazzjonijiet għall-Unjoni ta' xkejjer u basktijiet tal-plastik, li fihom tal-anqas 20 %, skont il-piż, ta' polietilina u b'kisi ta' ħxuna li ma taqbiżx il-100 mikrometru (µm), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90 (il-kodiċi tat-TARIC 3923 21 00 20, 3923 29 10 20, u 3923 29 90 20) humiex jevadu l-miżuri imposti bir-Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1425/2006.

2. Għall-iskop tar-reġistrazzjoni matul l-investigazzjoni, l-importazzjoni tal-ixkejjer u l-basktijiet tal-plastik imsemmija fil-paragrafu 1 dikjarati li huma manifatturati minn jew għal XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD għandha tkun iddikjarata skont il-kodiċi adizzjonali tat-TARIC A981. Ir-rata ta' dazju tal-8,4 % imposta bir-Regolament (KE) Nru 1425/2006 għal din il-kumpanja għandha tibqa' kif inhi.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N-105 4/92
B-1049 Brussels
BELGIUM

Fax (32 2) 295 65 05

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽²⁾ Dan ifisser li d-dokument ikun għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Antidumping).

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 749/2010**tad-19 ta' Awwissu 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Awwissu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	TR	68,6
	ZZ	68,6
0707 00 05	MK	41,0
	TR	81,1
	ZZ	61,1
0709 90 70	TR	87,7
	ZZ	87,7
0805 50 10	AR	98,6
	CL	116,1
	TR	146,0
	UY	141,4
	ZA	123,1
	ZZ	125,0
0806 10 10	BA	91,2
	EG	152,7
	IL	202,2
	TR	117,0
	ZZ	140,8
0808 10 80	AR	93,0
	BR	74,2
	CL	91,4
	CN	65,6
	NZ	103,1
	US	87,8
	UY	95,9
	ZA	92,6
0808 20 50	ZZ	88,0
	AR	115,4
	CL	150,5
	CN	80,6
	TR	145,3
	ZA	106,5
	ZZ	119,7
0809 30	TR	141,0
	ZZ	141,0
0809 40 05	BA	57,7
	IL	154,3
	XS	64,6
	ZA	191,2
	ZZ	117,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/461/PESK

tas-26 ta' Lulju 2010

dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EU kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

nali, bil-għan li twettaq l-implimentazzjoni effettiva tas-CTBT, sakemm tiġi stabbilita s-CTBTO.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (l-Istrateġija), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri li jridu jittieħdu kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.

(2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi jiġu rilaxxati riżorsi finanzjarji b'appoġġ għal proġetti speċifiċi mmexxja minn istituzzjonijiet multilaterali, b'has-Segretarjat Tekniku Proviżorju tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO).

(3) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK fuq l-universalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-ftehimiet multilaterali fil-qasam tal-kontroll tal-armi ta' qerda massiva u l-mezz tat-trasport tagħhom⁽¹⁾. Dik il-Pożizzjoni Komuni tappella, inter alia, għall-promozzjoni tal-iffirmar u r-ratiffika tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBT).

(4) L-Istati Firmatarji tas-CTBT iddeċidew li jistabbilixxu Kummissjoni Preparatorja, li jkollha kapaċità ġuridika u li jkollha pożizzjoni bħala organizzazzjoni internazzjo-

(5) Id-dħul fis-seħħ bikri u l-universalizzazzjoni tas-CTBT u t-tisħiħ tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO huma objettivi importanti tal-Istrateġija. B'konnessjoni ma' dan, it-testijiet nukleari mwettqin mir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea f'Ottubru 2006 u f'Mejju 2009 sstotoljaw aktar l-importanza tad-dħul fis-seħħ bikri tas-CTBT u l-ħtieġa li s-sistema ta' monitoraġġ u verifika tas-CTBTO tinbena u tissaħħaħ b'rata aktar mgħaġġla.

(6) Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO hija impenjata fl-identifikazzjoni tal-aħjar mod kif tista' tissaħħaħ is-sistema tagħha ta' verifika, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' monitoraġġ ta' gass nobbli u sforzi mmirati biex jinvolvu bis-sħiħ l-Istati Firmatarji fl-implimentazzjoni tar-reġim ta' verifika.

(7) Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-Kunsill adotta tliet Azzjonijiet Konġunti dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO: l-Azzjoni Konġunta 2006/243/PESK tal-20 ta' Marzu 2006⁽²⁾ fil-qasam tat-taħriġ u tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet għall-verifika u l-Azzjonijiet Konġunti 2007/468/PESK tat-28 ta' Ġunju 2007⁽³⁾ u 2008/588/PESK tal-15 ta' Lulju 2008⁽⁴⁾ sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tal-Kummissjoni Preparatorja.

(8) Dan l-appoġġ tal-UE għandu jitkompla.

(9) L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi fdata lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO,

⁽¹⁾ ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34.

⁽²⁾ ĠU L 88, 25.3.2006, p. 68.

⁽³⁾ ĠU L 176, 6.7.2007, p. 31.

⁽⁴⁾ ĠU L 189, 17.7.2008, p. 28.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-finijiet li tiġi żgurata l-implimentazzjoni kontinwa u prattika ta' ċerti elementi tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (l-Istrateġija), l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex isir aktar progress lejn l-oġġettivi li ġejjin:

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika tas-CTBT, inkluż fil-qasam tal-kxif radju-nuklidu,

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati Firmatarji tas-CTBT biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' verifika tagħhom skont is-CTBT u biex jitħallew jibbenefikaw bis-sħiħ mill-parteċipazzjoni fir-reġim tas-CTBT.

2. Il-proġetti li ser jiġu appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-titjib fl-operat u s-sostenibbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' verifika tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO fl-oqsma tal-ispezzjonijiet fuq il-post u l-monitoraġġ u l-verifika ta' gass nobbli għall-kxif u l-identifikazzjoni ta' splużjonijiet nukleari possibbli;

(c) l-għoti ta' assistenza teknika lil pajjiżi fl-Afrika, l-Amerika Latina u l-Karibew bl-għan tal-integrazzjoni sħiħa tal-Istati Firmatarji fis-sistema ta' monitoraġġ u verifika tas-CTBT.

Dawn il-proġetti għandhom jitwettqu għall-benefiċċju tal-Istati Firmatarji kollha tas-CTBT.

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti hija mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-RGħ) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) għandha tkun fdata lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

3. Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha twettaq il-kompiti tagħha taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan l-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 5 280 000.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tajba tal-kontribut tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari li għandhom jiġu mħejjija mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni Ewropea għandha ttipprovi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmin fl-Artikolu 3(3).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi 18-il xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

S. VANACKERE

ANNEX

L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

I. INTRODUZZJONI

Il-bini ta' sistema ta' monitoraġġ u verifika li taħdem sew tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO hija element kruċjali għat-tħejija tal-implimentazzjoni tas-CTBT malli tkun daħlet fis-seħħ. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO fil-qasam tal-monitoraġġ tal-gass nobbli hija għodda importanti biex jiġi vvalutat jekk splużjoni osservata hix test nukleari jew le. Barra minn hekk, l-operabbiltà u l-prestazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika tas-CTBT tiddependi fuq il-kontribut tal-Istati Firmatarji tas-CTBT. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Firmatarji jitħallew jipparteċipaw fi u jikkontribwixxu bis-sħiħ għas-sistema ta' monitoraġġ u verifika tas-CTBT.

L-Unjoni ser tappoġġa erba' proġetti, li l-oġġettivi tagħhom huma dawn li ġejjin:

- (a) it-titjib tal-operat u s-sostenibbiltà tan-Netwerk tal-Istazzjonijiet Sismiċi Awżiljarji (ASS) tas-Sistema ta' Monitoraġġ Internazzjonali (IMS) tas-CTBT;
- (b) it-titjib tas-sistema ta' verifika tas-CTBT permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-komunità xjentifika;
- (c) l-għoti ta' assistenza Teknika lill-Istati Firmatarji fl-Afrika u fir-Reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew biex ikunu jistgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tas-CTBT;
- (d) l-iżvilupp ta' sistema kapaċi ta' kxif ta' gass nobbli tal-ispezzjoni fuq il-post.

Il-prospetti għad-dħul fis-seħħ tas-CTBT ittejbu minħabba ambjent politiku aktar favorevoli. Minħabba din id-dinamika ġdida, fis-snin li ġejjin jeħtieġ li jiżdied l-iffokar urġenti kemm fuq it-tlestija tal-bini tas-sistema ta' verifika tas-CTBT kif ukoll fuq l-iżgurar tal-prontezza u l-kapaċità operattiva tagħha. It-testijiet nukleari mħabbrin mir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK) f'Ottubru 2006 u f'Mejju 2009 mhux biss urew l-importanza ta' projbizzjoni universali ta' testijiet nukleari, iżda enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal sistema ta' verifika effettiva għall-monitoraġġ tal-konformità ta' tali projbizzjoni. Sistema ta' verifika tas-CTBT kompletament operattiva u kredibbli tipprovdi lill-komunità internazzjonali b'mezzi indipendenti u affidabbli biex ikun żgurat li din in-norma tiġi rispettata.

Fl-Azzjonijiet Konġunti 2006/243/PESK, 2007/468/PESK u 2008/588/PESK, l-Unjoni ffokat fuq it-tisħiħ tal-elementi ewlenin tal-kapaċitajiet ta' verifika tas-CTBT fl-oqsma tal-kxif ta' gass nobbli, tal-ispezzjonijiet fuq il-post kif ukoll tat-taħriġ u l-assistenza teknika. Filwaqt li l-proposta attwali tibni fuq il-proġetti preċedenti tal-Azzjoni Konġunta, sar iffukar partikolari fuq elementi li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' verifika tas-CTBT b'mod sostenibbli. Dan huwa ta' importanza partikolari minħabba l-prospetti tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat, fliema żmien is-sistema ta' verifika trid tkun kompletament operattiva.

Iż-żamma tal-ogħla livell possibbli ta' disponibbiltà tad-data tal-verifika tal-IMS ser tkun punt ta' rifereiment importanti fil-valutazzjoni tal-prontezza operattiva tas-sistema ta' verifika mad-dħul fis-seħħ. Il-Proġett I għalhekk jindirizza l-operat u s-sostenibbiltà tan-netwerk tal-ASS tal-IMS b'mod sistemiku.

Il-Proġett II jindirizza l-kwistjoni ewlenija taż-żamma tal-kredibbiltà xjentifika u teknoloġika tas-sistema ta' verifika tas-CTBT fuq medda twila. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-progress xjentifiku u teknoloġiku f'xi oqsma speċifiċi relatati mal-verifika tas-CTBT jiġi integrat u applikat għar-rekwiżiti ta' verifika tas-CTBT. Il-Proġett III huwa segwitu dirett għall-proġetti ta' taħriġ u assistenza teknika tal-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK fl-Afrika u ser jiġi estiż għal xi stati tar-reġjun Latin u Karibew (LAC). Il-Proġett IV jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ispezzjoni fuq il-post (OSI) tas-CTBT permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' kxif ta' gass nobbli (radioxenon) li tista' ssir bl-OSI.

L-erba' proġetti b'appoġġ tal-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO msemminja hawn fuq, ser jiġu implimentati u ġestiti mis-Segretarjat Tekniku Proviżorju (PTS) tiegħu.

II. DESKRIZZJONI TAL-PROĠETTI

Proġett I: *It-titjib tal-operat u s-sostenibbiltà tan-Netwerk tal-ASS tal-IMS tas-CTBT.*

Sfond:

1. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiżiedu l-isforzi lejn il-prontezza tas-sistema ta' verifika tas-CTBT fiż-żmien tad-dDhul fis-seħħ tas-CTBT, huwa ta' importanza kbira li jkunu żgurati l-ogħla livelli possibbli ta' operat u sostenibbiltà tan-netwerk tal-ASS. Għalhekk l-għan ta' din il-proposta tal-proġett huwa li jinġabru l-fatti meħtieġa u l-kondizzjonijiet tas-sostenibbiltà għal kull waħda minn dawn il-faċilitajiet tan-netwerk tal-ASS sabiex jittejjeb il-livell ta' sostenibbiltà tagħhom għal-livell mandatorju tar-rekwiżiti tekniċi u operattivi.
2. Il-paragrafu 8 tal-Protokoll għas-CTBT jipprevedi li: "Biex jissupplimenta n-netwerk primarju, network awżiljarju ta' 120 stazzjon għandu jipprovdi informazzjoni, direttament jew permezz ta' ċentru tad-data nazzjonali, liċ-Ċentru tad-Data Internazzjonali fuq talba. (...) L-istazzjonijiet awżiljarji għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi u operattivi speċifikati fil-Manwal Operattiv tal-Monitoraġġ Sismologiku u l-Iskambju Internazzjonali ta' Data Sismologika. Id-data mill-istazzjonijiet awżiljarji tista' tintalab fi kwalunkwe ħin miċ-Ċentru tad-Data Internazzjonali u għandha tkun immedjatament disponibbli permezz ta' konnessjonijiet on-line bil-kompjuter". L-ASS għandhom jissodisfaw essenzjalment l-istess rekwiżiti tekniċi u operattivi bħall-istazzjonijiet sismiċi primarji.
3. Spejjeż regolari assoċjati mal-operat u ż-żamma tal-ASS, inkluża s-sigurtà fiżika tal-faċilità għandhom jitħallsu mill-Istat responsabbli għal tali faċilitajiet. Dan ma jikkawżax problema għall-ASS ospitati u/jew operati minn pajjiżi żviluppati. Madankollu, dan jikkostitwixxi sfida sinifikanti fir-rigward tas-36 ASS ċertifikat tal-IMS li jinsabu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ħafna minn dawn l-istazzjonijiet ilhom joperaw għal ħafna snin u issa t-tagħmir installat qed jilħaq l-istadju tat-tmiem taċ-ċiklu tal-użu.

Ambitu tal-Proġett

4. L-ambitu prinċipali ta' dan il-proġett huwa li jiġu assistiti l-awtoritajiet lokali biex jittejbu l-operat u s-sostenibbiltà tan-Netwerk tal-ASS tal-IMS. Dan jinkludi:
 - il-valutazzjoni tal-istatus attwali tal-ASS ċertifikati,
 - iż-żjajjar fl-istazzjonijiet, li matulhom issir kalibrazzjoni tas-sistema,
 - it-taħriġ addizzjonali fuq il-post lill-operaturi ta' stazzjonijiet lokali, jekk ikun fattibbli,
 - it-titjib tal-infrastruttura u s-sigurtà, jekk ikun meħtieġ,
 - is-sostituzzjoni ta' sistemi ta' provvista ta' enerġija ta' riżerva, jekk ikun meħtieġ,
 - is-sostituzzjoni/rikapitalizzazzjoni ta' tagħmir obsolet.

L-ispejjeż operattivi għall-istazzjonijiet mhux ser ikunu koperti minn dan il-proġett.

5. Fl-għażla tal-iASS għal dan il-proġett ser tingħata prijorità lil:

- l-ASS tal-IMS attwalment ċertifikati li jinsabu f'pajjiż li qed jiżviluppa jew f'pajjiż fi transizzjoni,
- l-ASS li attwalment mhumiex kapaċi għal missjoni,
- l-ASS li qed joqorbu lejn in-nuqqas ta' kapaċi għal missjoni, u
- l-ASS li ġew identifikati bħala sostituti potenzjali għal stazzjoni Sismika Primarja tal-IMS.

6. Fażi I ta' dan il-proġett ser tikkonsisti minn żjajjar fl-istazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-istatus attwali u l-ħtieġa kontinwa tal-ASS u għat-twettiq ta' azzjonijiet pendenti ta' manutenzjoni tat-tagħmir u l-infrastruttura. Lista finali ta' stazzjonijiet li jeħtieġu ħidma futura ser tkun disponibbli biss wara li jkunu saru tali żjajjar. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni tat-tagħmir, is-sistemi ta' provvista ta' enerġija ta' riżerva, is-sigurtà u l-infrastruttura ser issir fil-fażi I fejn possibbli biex ikun żgurat li l-ASS antiki jkunu lesti mad-dħul fis-seħħ tas-CTBT.

7. Fil-Fażi II, wara ż-żjara inizjali lill-ASS li jeħtieġu attenzjoni immedjata, ser tiġi identifikata lista dettaljata ta' stazzjonijiet li jeħtieġu ħidma futura. Din il-lista ser tkun ipprovduta b'halha riżultat tal-fażi I u ser tinkludi d-dettalji relatati mas-sostituzzjoni meħtieġa ta' tagħmir, sistemi ta' provvista ta' enerġija ta' riżerva, sigurtà u infrastruttura li huma meħtieġa biex ikun żgurat li ASS antiki jkunu lesti mad-dħul fis-seħħ tas-CTBT. F'din il-fażi, ser isiru serje ta' żjajjar immirati lill-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi ospitanti tal-ASS biex iqajmu r-rikonoxximent tar-responsabbiltajiet tat-trattat tagħhom fir-rigward tal-operat u ż-żamma tal-ASS u biex jiġi inkoraġġit l-istabbiliment tal-istruttura u r-riżorsi ta' appoġġ nazzjonali meħtieġa.
8. Ser jiġu organizzati żewġ sessjonijiet ta' taħriġ/workshops dedikati għall-operaturi tal-ASS. Huwa previst li wieħed minnhom jiġi organizzat fl-Amerika t'Isfel u l-ieħor fl-Afrika jew fl-Asja.
9. Ir-riżultat u l-benefiċċju mistenni ta' dan il-proġett ser ikunu kapacià mtejbja, affidabbiltà u sostenibbiltà fit-tul tan-network tal-IMS.

Benefiċċji u Eżitu

10. Il-benefiċċji mistennija ser jinkludu stazzjonijiet b'tagħmir modern li jiffunzjona tajjeb, li huma miżmumin fl-ogħla livell possibbli ta' data disponibbli, biex b'hekk tiġi garantita l-kredibbiltà xjentifika u teknoloġika tas-sistema ta' verifika fuq medda twila. L-assistenza f'termini ta' tagħmir u taħriġ ser tiżgura li l-operaturi tal-istazzjonijiet ikunu kapaċi jżommu u joperaw l-istazzjon tagħhom fl-istandards tal-IMS mistennija, b'kont meħud tas-sostenibbiltà fit-tul u l-kwalità tad-data.
11. Ser jiġi pprovdut rapport finali lir-RGħ li jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - l-ASS li saretilhom żjara u l-azzjoni meħuda,
 - ir-riżorsi użati fuq bażi ta' stazzjon bi stazzjon,
 - lista tal-awtoritajiet lokali kollha li saret laqa' magħhom u sommarju tal-azzjonijiet maqbulin biex isiru,
 - lista tar-rapporti tal-problemi u r-rapporti tal-waqfien kollha (inklużi b'halha annessi għar-rapport finali).

Proġett II: Titjib tas-sistema ta' verifika tas-CTBT permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-komunità xjentifika

Sfond

12. Minħabba l-pass rapidu tal-progress xjentifiku u teknoloġiku, hija sfida ewlenija għall-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO biex tibqa' armonizzata mal-aħħar żviluppi fix-xjenzi li hu bbażat fuqhom is-CTBT u biex tivvalutahom regolarment fir-rigward tal-mandat tagħha ta' verifika. Li tibqa' fuq quddiem tal-isforzi ta' verifika mad-dħul fis-seħħ tas-CTBT(u wara) huwa essenzjali li tinżamm il-kredibbiltà tas-sistema ta' verifika tas-CTBT.
13. Is-CTBT jserraħ fuq ix-xjenza u t-teknoloġija l-aktar avvanzati aktar minn kwalunkwe trattat internazzjonali ieħor dwar il-kontroll tal-armi. Il-komponenti kollha tas-sistema ta' verifika unika tas-CTBT—l-IMS b'network globali ta' 337 faċilità ta' monitoraġġ, iċ-Ċentru tad-Data Internazzjonali (IDC) għall-analiżi ta' ammont kbir ta' data u reġim OSI li jinkludi serje ta' teknoloġiji kumplessi—jiddependu mill-iżvilupp kontinwu tax-xjenza u t-teknoloġija u minn relazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u l-interazzjoni magħha.
14. Is-CTBT u l-Protokoll tiegħu jipprovdu lill-Organizzazzjoni mandat ċar biex is-CTBTO ttejjeb it-teknoloġiji ta' verifika tagħha, waqt li jappellaw lil kull Stat Parti biex "... jikkoopera mal-Organizzazzjoni u ma' Stati Partijiet oħra fit-titjib tas-sistema ta' verifika..." (l-Artikolu IV(11) tas-CTBT) u lill-IDC biex "...isahha progressivament il-kapaċitajiet tekniċi tiegħu..." (il-punt (B) tal-paragrafu 18 tal-Parti I tal-Protokoll tas-CTBT).
15. Kmieni fir-rebbiegħa tal-2008 l-PTS beda l-proġett dwar Studji Xjentifiċi Internazzjonali (ISS) bl-għan li jiġu vvalutati l-kapaċità u l-prontezza tas-sistema ta' verifika tas-CTBT u biex jiġu identifikati l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi li jistgħu jsaħħu l-kapaċitajiet kif ukoll itejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi tal-PTS. L-involvement wiesa' tal-komunità teknika u xjentifika permezz tal-Konferenza dwar l-Istudji Xjentifiċi Internazzjonali (ISS09) ipprova ħafna suġġerimenti biex jittejjbu l-kapaċitajiet ta' verifika bl-użu ta' teknoloġiji u metodi l-aktar avvanzati.

16. Bħala segwitu għall-ISS09, il-PTS qed jaħdem biex jutilizza dawn l-ideat u s-suġġerimenti biex itejjeb b'mod konkret il-proċessi tiegħu u jesplora l-potenzjal ta' verifika ta' metodi ġodda. Taħt il-ġestjoni tal-PTS, qed isiru workshops iffokati li jinvolve lill-komunità xjentifika ġenerali biex tavanza f'tit mill-ideat promettenti mill-ISS09. Qed jingħataw kuntratti għall-iżvilupp ta' proċessi innovattivi ġodda identifikati fil-workshops u qed jiġi stabbilit Ċentru ta' Sfruttament tad-Data Virtwali (vDEC) biex jipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' dawn il-proċessi. Titjib u innovazzjonijiet potenzjali relatati mal-verifika li ġejjin mill-ħidma kkuntrattata ser jiġu sottomessi lill-Organi tat-Tfassil tal-Politika (PMOs) tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għall-kunsiderazzjoni.

Objettivi

17. L-objettivi ta' dan il-proġett huma li tittejjeb is-sistema ta' verifika tas-CTBT bl-appoġġ tal-involviment tal-komunità xjentifika u teknika esterna ġenerali:

- fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet eżistenti tas-sistema ta' verifika tas-CTBT,
- fil-kontribut għall-iżvilupp ta' dawk it-teknoloġiji li għadhom ma ġewx esplorati kompletament f'dan il-qafas, u
- fil-provvediment ta' bażi xjentifika u teknika soda għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet fit-tul biex tkun żgurata l-verifikabbiltà tas-CTBT.

Ambitu

18. L-ambitu ta' dan il-proġett jinvolve it-tliet kompiti li ġejjin:

- l-istabbiliment ta' qafas għal kooperazzjoni strutturata mal-komunità xjentifika u teknika esterna għall-appoġġ ta' proġetti ġodda u l-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-kapaċitajiet ta' verifika tas-CTBT,
- l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn l-impatt potenzjali ta' attivitajiet iffokati ta' riċerka u żvilupp immirat għall-avanz tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistema ta' verifika ser tkun sostanzjali, u
- l-iżvilupp ta' dawk it-tekniki għall-preżentazzjoni lill-PMOs u l-kunsiderazzjoni minnhom.

19. Dawn il-kompiti ser jinkisbu permezz ta' workshops iffokati biex jiġu diskussi u identifikati l-oqsma bl-akbar potenzjal għall-verifika tas-CTBT u, it-tieni, permezz tal-finanzjament tal-iżvilupp u l-ittestjar ta' dawn il-metodi għall-użu possibbli fis-sistema ta' verifika. Il-vDEC ser isaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-komunità xjentifika u teknika u ser jipprovdi aċċess għar-riżorsi tad-data u l-kompjuter b'appoġġ għall-proġetti.

20. L-ISS09 irrediet il-kapaċitajiet tas-sistema ta' verifika tas-CTBT. Attwalment, u bħala bażi għal dan il-proġett, ir-riżultati tal-informazzjoni u r-riċerka li ġew ippreżentati lill-ISS09 qed jingħabru u jiġu vvalutati fil-PTS. Sussegwentement, u abbażi ta' dawn is-sejbiet,

- Fażi I tal-proġett ser tikkonsisti minn serje ta' workshops immirati u laqgħat tekniċi mal-esperti xjentifiċi u tekniċi. Dawn il-workshops, li ser jibdew fl-aħħar nofs tal-2010 u kmieni fl-2011, jew bħala parti mill-kalendarju regolari tal-avvenimenti tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO jew speċifikament iffinanzjati minn dan il-proġett, ser jinkludu preżentazzjonijiet dwar, u ser jeżaminaw, tekniċi u proċessi li għandhom l-aħjar potenzjal għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistema ta' verifika.
- Fil-fażi II, l-iżvilupp u l-ittestjar tal-aktar soluzzjonijiet promettenti identifikati fil-fażi I ser jiġu kkuntrattati lill-istituzzjonijiet tar-riċerka xjentifika bl-għan li jittestjaw u jikkonsolidaw dawn l-istudji promettenti f'software li jista' jitħaddem. Dan is-software ser jiġi ppreżentat lill-PMOs li ser jikkunsidraw l-inkorporazzjoni tiegħu fl-ambjent operattiv proviżorju tas-sistema ta' verifika tas-CTBT.

21. Barra mill-attivitajiet fil-fażijiet I u II, il-komunità xjentifika ġenerali ser tiġi involuta feżami ta' xjenzi u teknoloġiji emerġenti ta' rilevanza għas-sistema ta' verifika tas-CTBT permezz ta' previżjoni teknoloġika. Din l-attività parallela ser tkun ibbażata wkoll fuq il-ġbir u l-analiżi tas-sejbiet tal-ISS09 u ser titwettagħ permezz ta' workshops u analiżi biblijometrika matul l-2010 u l-2011. Din il-Previżjoni Teknoloġika għandha l-għan li ttipprovdi l-informazzjoni u l-analiżi meħtieġa biex jibqgħu fuq quddiem tax-xjenza tal-verifika fil-futur prevedibbli.

Ġestjoni

22. L-aspetti kollha ta' dan il-proġett ser jiġu ġestiti mill-PTS b'parteċipazzjoni barranija potenzjali. Il-PMOs ser ikun informat fuq bażi regolari dwar l-attivitajiet u l-benefiċċji potenzjali tagħhom. Dan ser jinkludi informazzjoni fil-qosor dwar il-proġetti li jkunu għaddejjin kif ukoll preżentazzjonijiet iffokati fuq proġetti speċifiċi kif adatt.
23. Biex jikkapitalizzaw fuq il-momentum tal-ISS09, il-koordinaturi u l-integraturi tal-oqsma tas-suġġetti differenti relatati mal-verifika li kienu involuti fil-proċess ISS09 ser ikunu kandidati potenzjali għall-kontribut lill-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-workshops iffokati. Dawn ix-xjenzati prominenti ser jaħdmu mal-ġestjoni tal-PTS biex jiżguraw il-parteċipazzjoni wiesgħa mill-komunità xjentifika u biex jgħinu fl-organizzazzjoni u l-kopresidenza tas-sessjonijiet ta' dawn il-laqgħat u l-workshops.
24. L-ideat u l-proġetti potenzjali ġenerati u rakkomandati mill-workshops iffokati ser jiġu riveduti mill-PTS. Il-ġestjoni tal-PTS ser tiżgura li l-attivitajiet tal-proġett huma ffokati fuq l-oġettiv aħħari tat-titjib tal-kapaċitajiet tas-sistema ta' verifika.

vDEC

25. L-implimentazzjoni tal-vDEC qed timxi 'l quddiem peress li hija għodda ewlenija fl-isforzi tal-PTS biex il-kapaċitajiet tiegħu jissaħħu progressivament. L-impetu inizjali għall-vDEC oriġina mill-isforzi tat-Tagħlim bil-Magni/Estrazzjoni tad-Data (tekniki ta' proċessar innovattivi) mwettqin taħt il-proġett ISS09 u kien immotivat fil-biċċa l-kbira mill-ħtieġa perċepita għal pjattaformi ta' skambju u komunikazzjoni, li jippermettu l-aċċess għad-data u s-software tal-PTS.
26. Abbażi ta' dawn il-ħtiġijiet, u biex ikun ipprovdut l-aċċess għad-data u l-għodda ta' proċessar, il-pjattaforma ta' żvilupp tal-vDEC (hardware u software) ser:
- tospita skambju xjentifiku,
 - tipprovdi arkivju kbir ta' data parametrika, fil-forma ta' mewġa u radjunuklida lil riċerkaturi li jaħdmu biex jittejjeb il-proċessar,
 - tipprovdi aċċess għas-software,
 - tipprovdi aċċess għall-verżjoniet tal-ittestjar tal-pipelines tal-ipproċessar biex ikunu jistgħu jiġu installati u ttestjati moduli alternattivi,
 - tintegra data addizzjonali mad-data tal-IMS biex jiġi investigat it-titjib li jirriżulta minn din l-addizzjoni.

Monitoraġġ u Teknoloġiji tal-OSI

27. Il-monitoraġġ u t-teknoloġiji tal-OSI huma l-pedamenti tas-sistema ta' verifika tas-CTBT. L-ISS09 pprovdiet reviżjoni xjentifika esterna ta' dawk it-teknoloġiji kif ukoll ħarsa lejn ħafna avvanzati moderni f'dawn l-oqsma. Huwa importanti kemm li tinqabad l-essenza tal-informazzjoni ppreżentata u li jkunu segwiti dawk l-oqsma fejn jista' jsir titjib konkret fil-kapaċitajiet ta' verifika.
28. Qed jinġabru r-riżultati tal-informazzjoni u r-riċerka mill-kartelluni u l-preżentazzjonijiet xjentifiċi fl-ISS09 u dawn ser isiru disponibbli għall-utenti reġistrati u x-xjenzati. Dan ser jifforma l-bażi għal workshops u laqgħat immirati (fażi I) f'oqsma ta' suġġetti speċifiċi biex jiġi kkonsolidat aktar il-kontribut tal-ISS09 u biex jiġu esplorati u identifikati ideat promettenti oħra li ta' min iwettaqhom għall-benefiċċju tas-sistema ta' verifika tas-CTBT. Ser jiġu ffinanzjati proġetti magħżulin immirati lejn l-iżvilupp u l-ittestjar tal-aktar ideat promettenti (fażi II). Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti ser jiġu sottomessi għal konsiderazzjoni aħharja mill-PMOs meta jkun hemm prova ta' titjib. Il-benefiċċji ta' dan l-element tal-proġett huma l-effiċjenza u l-effettività mtejbjin tal-proċessi ta' sistema ta' verifika tas-CTBT.
29. Fost is-suġġetti speċifiċi li jistgħu jiġu segwiti taħt fażi II tal-proġett hemm:
- il-fużjoni tad-data,
 - l-identifikazzjoni ta' fażi fil-forma ta' mewġa,
 - it-tekniki tal-OSI, u

— il-proċessar ta' data avvanzat u l-kategorizzazzjoni tal-avvenimenti għall-analiżi radjunuklida.

Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema f'dawn l-oqsma speċifiċi ser ikunu attività ta' priorità biex jiġu kkwantifikati r-riżultati tal-proċessi żviluppati reċentament.

30. Il-fużjoni tad-data fil-forma ta' mewġa kienet suġġett ta' laqgħa teknika reċenti dwar l-estrazzjoni tad-data (teknika ta' proċessar innovattiva), u l-ideat ippreżentati ser ikunu lesti għall-iffinanzjar sal-aħħar tal-2010. Żewġ proġetti sekondarji tal-fużjoni tad-data huma antiċipati għall-iffinanzjar permezz ta' kuntratturi: pereżempju, fużjoni ta' data fil-forma ta' mewġa (sismika, idroakustika, u infrasound); u l-fużjoni ta' prodotti/data fil-forma ta' mewġa u radjunuklidi biex jipproduċu Bulletin ta' Avvenimenti Marbutin Flimkien (Fused Event Bulletin).
31. L-identifikazzjoni tal-fażi hija qasam identifikat mill-PTS fejn il-komunità xjentifika tista' tagħti kontribut sinifikanti. Il-workshops dwar l-estrazzjoni tad-data indirizzaw din il-kwistjoni u ser ikomplu jagħmlu dan, u l-Workshop dwar l-Infrasound tard fl-2010 ser jinkludi l-identifikazzjoni tal-fażi bħala wieħed mis-suġġetti tiegħu. Fl-2011 ser jiġi solleċitat kuntratt biex jiġu żviluppati tekniki promettenti u biex jiġu ttestjati fl-infrastruttura tal-proċessar tal-vDEC.
32. Is-CTBT jawtorizza l-użu ta' sett ta' tekniki differenti matul OSI f'konformità mad-dispożizzjonijiet u r-restrizzjonijiet dwar il-ġbir, it-trattament u l-analiżi ta' kampjuni u kejl. Huwa permess total ta' disa' gruppi ta' tekniki, li ħafna minnhom ġew adattati għall-applikazzjoni f'ambjent tal-OSI. Tlieta minn dawn it-tekniki, jiġifieri l-immaġni multispettrali, is-sismika attiva u t-tħaffir huma fl-istadju inizjali fil-qafas speċifiku tal-OSI minkejja li huma żviluppati sew fl-ambjent tal-ipprospettar ġeofiżiku, kummerċjali u dak tar-riċerka. Għalhekk jeħtieġ li ssir diskussjoni mal-esperti dwar kif dawn it-tekniki jistgħu jiġu adattati għall-pekuljaretajiet u r-restrizzjonijiet li fihom ser titwettagħ OSI: restrizzjonijiet ta' ħin u riżorsi, partikolaritajiet loġistiċi, limitazzjonijiet potenzjali imposti mill-istat parti tal-ispezzjoni, eċċ.
33. Ser isiru tliet laqgħat tal-esperti b'attenzenza minn rappreżentanti ta' kumpanniji tal-esplorazzjoni u istituzzjonijiet xjentifiċi, riċerkaturi, u esperti dwar testijiet nukleari bejn it-tieni nofs tal-2010 u l-ewwel nofs tal-2011 dwar is-suġġetti li ġejjin:
 - l-immaġni multispettrali – (inklużi l-wavelengths tal-infraaħmar) huma permessi matul il-fażi inizjali ta' OSI; flimkien mal-istħarriġ radjumetriku mill-ajru, jistgħu jiġu karatterizzati anomaliji tal-wieċ potenzjalment relatati mal-karatteristiċi osservabbli ta' test nukleari;
 - is-sismika attiva – tista' tintuża biex tinkixef il-preżenza ta' kavitajiet, jew għall-inqas ta' bidliet fil-karatteristiċi tal-blat madwar il-punt ta' detonazzjoni ta' splużjoni nukleari taħt l-art;
 - it-tħaffir – jipprovi kampjuni mill-qrib ta' kavità li jwassal għal twegħiba konklużiva għall-mistoqsija dwar jekk seħħx test nukleari.
34. Peress li dawn it-teknoloġiji huma standard fl-industrija, il-workshops (tal-fażi I mhux ser jiġu segwiti mill-iżvilupp tal-fażi II; ir-rakkomandazzjonijiet minn dawn il-laqgħat tal-esperti ser jiddaħħlu l-rapport dwar l-applikazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji għall-OSI li ser jiġi ppreżentat lill-PMOs għal kunsiderazzjoni.
35. B'enfasi fuq l-inkorporazzjoni tat-teknoloġija tal-gass nobbli fis-sistema ta' verifika, jeħtieġ titjib fil-proċessar tad-data u kategorizzazzjoni tal-avvenimenti għall-analiżi radjunuklida. Fit-tieni nofs tal-2010 l-komunità xjentifika ser tiġi inkoraġġita biex tipparteċipa fil-workshop dwar l-Esperiment Internazzjonali tal-Gass Nobbli fejn ser jinġabru u jiġu diskussi l-ideat tal-komunità xjentifika dwar is-suġġett. Imbagħad fl-2011 ser jiġi solleċitat kuntratt biex jiġu żviluppati tekniki promettenti u biex jiġu ttestjati fl-infrastruttura tal-proċessar tal-vDEC.
36. Fl-2011 ser tiġi kkuntrattata l-ħidma biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-sistema permezz tar-riżorsi tal-vDEC. Il-parteċipazzjoni esterna fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema hija essenzjali biex tinżamm il-kredibbiltà xjentifika lejn il-komunità globali u ser ittejjeb il-fiduċja tal-Istati Partijiet meta jikkunsidraw li jivvalidaw is-sistema ta' verifika u li jikkummissjonaw id-diversi elementi tagħha. Il-miżuri ta' prestazzjoni żviluppati permezz ta' dan il-finanżjament huma mistennija li jipproduċu miżuri ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema ġodda u mtejbini li jistgħu jiġu ppreżentati lill-PMO bħala titjib propost.

Previżjoni Teknoloġika

37. Filwaqt li qed titħejja s-sistema ta' verifika tas-CTBT emerġenti għall-użu operattiv, għandha tingħata wkoll attenzjoni għat-triq 'il quddiem biex tinżamm il-kredibbiltà xjentifika u teknoloġika tal-kapaċitajiet ta' verifika tagħha fit-tul. Il-previżjoni teknoloġika, filwaqt li teżamina l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi li jikkontribwixxu għal dawn il-kapaċitajiet fit-tul, ser tgħin lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO biex tkun fuq quddiem fil-qasam tagħha. L-ammont kbir ta' kontributi xjentifiċi u ta' riċerka tal-ISS09 pprovda kontribut siewi u linja ta' bażi għal approċċ komprensiv tal-previżjoni teknoloġika. Bl-għarfien tat-teknoloġiji emerġenti, jista' jiġi żviluppat pjan direzzjonali biex daww it-teknoloġiji jiġu inkorporati fis-sistema ta' verifika, u biex jinħarġu rakkomadazzjonijiet lill-PMOs għal pjanijiet ta' implimentazzjoni għal daww it-teknoloġiji li jtejbu l-proċessi ta' monitoraġġ.

38. Fl-2009 l-PTS investa fis-servizzi konsultattivi tal-previżjoni teknoloġika, b'mod partikolari biex tiġi żviluppata analiżi biblijometrika u tkun applikata għal żewġ suġġetti dwar il-previżjoni teknoloġika. Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan il-proġett jipprevedi li jestendi din it-teknika pprovata għal erba' suġġetti addizzjonali kritiċi għall-iżvilupp tat-teknoloġija għas-sistemi tas-CTBTO li ser jibdw fit-tieni nofs tal-2010, jiġifieri:

- it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- is-Sorsi tal-enerġija,
- is-Sensuri u l-immaġni,
- interkonnessjonijiet ta' sistemi ta' awtomazzjoni u umani.

39. Minbarra l-analiżijiet, fl-2011 ser issir serje ta' erba' workshops immirati u ffokati li jiġbdu parteċipanti mill-komunitajiet tax-xjenza u t-teknoloġija biex dawn is-suġġetti jiġu esplorati u żviluppati aktar u, konsegwentement, biex ikun żgurat l-għarfien tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-livell l-aktar avvanzat tas-sistemi tas-CTBT.

40. Il-finanżjament ser jintuża għal-liċenzjar għal 18-il xahar tal-għodod tas-software tal-previżjoni teknoloġika u għall-ikkuntrattar ta' servizzi ta' esperti biex jissaħħu u jittejbu l-aċċessibbiltà u l-effettività tas-Sistema ta' Komunikazzjoni tal-Previżjoni Teknoloġika (TFCS) eżistenti bil-ħsieb li din issir għodda aktar effettiva u forum tassew kollaborattiv mal-komunità xjentifika.

41. L-avvanzi futuri fis-sorsi għodda tal-enerġija, is-sensuri ġeofiżiċi, l-awtomazzjoni u l-wiri jibbenefikaw lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO billi potenzjalment ibaxxu l-ispejjeż operattivi tal-istazzjonijiet, iżidu l-affidabbiltà tal-istazzjonijiet u l-proċessar awtomatiku, u jżidu l-effiċjenza u l-effettività tal-analiżi, biex insemmu ftit.

Konklużjoni

42. L-involvement wiesa' tal-komunità teknika u xjentifika permezz tal-ISS09 pprovda ħafna suġġerimenti biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' verifika tas-CTBT bl-użu ta' teknoloġiji u metodi l-aktar avvanzati. Il-PTS qed jaħdem biex jaqbad l-aktar ideat u suġġerimenti promettenti biex itejjeb b'mod konkret il-proċessi tiegħu u jespjora l-potenzjal ta' verifika ta' metodi għodda.

43. L-attivitajiet proposti ta' dan il-proġett ser jinvolvu lill-komunità xjentifika u teknika fl-eżami ta' kwistjonijiet tekniċi speċifiċi u fl-iżvilupp ta' proċessi innovattivi li jtejbu l-prestazzjoni eżistenti tas-CTBT u l-valutazzjoni tagħha, l-ewwel permezz ta' sett ta' workshops immirati għall-esplorazzjoni ta' ideat għodda, u t-tieni bl-ittestjar tat-tekniki promettenti u l-iżvilupp tagħhom fi proċessi li jistgħu jitħaddmu. Dawn ser jiġu ppreżentati lill-PMOs li ser jikkunsidra l-inkorporazzjoni tagħhom fl-ambjent operattiv proviżorju tas-CTBT.

44. Barra minn hekk, il-komunità xjentifika ġenerali ser tkun involuta biex teżamina xjenzi u teknoloġiji emerġenti ta' rilevanza għall-verifika tas-CTBT. Din l-attività ser tkun ibbażata wkoll fuq il-ġbir u l-analiżi tas-sejbiet tal-ISS09 u ser titwettag permezz ta' workshops u analiżi biblijometrika matul l-2010 u l-2011. Il-previżjoni teknoloġika għandha l-għan li tipprovi l-informazzjoni u l-analiżi meħtieġa biex tibqa' fuq quddiem tax-xjenza tal-verifika fil-futur prevedibbli.

45. Il-finanzjament inizzjali ser ikopri l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp u l-appoġġ tal-aħjar ideat tal-ISS09 u mal-previżjoni teknoloġika. Matul il-proġett, il-PTS ser jistabbilixxi u jirfinja l-proċessi u l-għodod għall-involvement tal-komunità xjentifika u ser juri l-valur ta' din is-sħubija bħala mekkaniżmu għall-iżvilupp, l-ittestjar u t-titjib implimentattiv tas-sistema ta' verifika. Huwa maħsub (lil hinn minn dan il-proġett) li jiġu estiżi r-rabtiet mal-komunità xjentifika globali, u b'hekk jiżdied l-istatus tal-isforzi kollaborattivi u jiżdied in-numru tal-kontributuri potenzjali għalihom, sabiex ikun jista' jittieħed l-ikbar benefiċċju għas-sistema ta' verifika mir-riċerka l-aktar avvanzata.

Proġett III: Assistenza Teknika għall-Istati Firmatarji fl-Afrika u fir-Reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew biex ikunu jistgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tas-CTBT

Sfond

46. Waħda mill-karatteristiċi uniċi tas-sistema ta' verifika tas-CTBT fost is-sistemi ta' kontroll tal-armi hija l-għoti fi żmien reali ta' informazzjoni rilevanti għall-konformità direttament lill-Istati Firmatarji. Minbarra l-għan primarju tal-verifika tas-sistema ta' monitoraġġ tas-CTBT, it-teknoloġiji u d-data tal-IMS huma ta' użu konsiderevoli għal aġenziji ċivili u tal-gvernijiet fl-analiżi tagħhom ta' (pereżempju) terremoti, żbroffi ta' vulkani, splużjonijiet taħt l-ilma, tibdil fil-klima u tsunamis.
47. Filwaqt li l-interess fost il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-istabbiliment ta' Ċentri Nazzjonali tad-Data (NDC) kiber b'mod sinifikanti fis-snin li għaddew - żieda ta' madwar 20 % fl-abbonatighall-IDC - bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw għad m'għandhomx aċċess sħiħ għas-sistema tas-CTBT.

Għalhekk, qed isiru sforzi addizzjonali mill-PTS biex jiżdied in-numru ta' NDCs stabbiliti, in-numru ta' Kontinġent Firmatarji Siguri u n-numru ta' utenti awtorizzati. B'mod partikolari, is-70 Stati Firmatarji li baqa' li għad m'għandhomx aċċess għad-Data tal-IMC u l-prodotti tal-IDC huma mmirati (29 fl-Afrika, 8 fl-Amerika Latina, 10 fil-Lvant Nofsani u l-Asja tan-Nofsinar, 12 fl-Asja tax-Xlokk, il-Paċifiku u l-Lvant Imbiegħed, 3 fl-Ewropa tal-Lvant u 8 fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa tal-Punent). Dawn l-isforzi huma diretti lejn dawk li jeħtieġu l-appoġġ tekniku tal-PTS sabiex jiżdied l-użu tagħhom ta' din id-data u dawn il-prodotti.

48. Skont l-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK inbeda proġett ta' assistenza teknika bl-għan li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni mtejbja tal-istati Afrikani fis-sistema ta' verifika tas-CTBT u l-benefiċċji ċivili u xjentifiċi tagħha. Total li jasal sa 19-il stat Afrikan ġew magħżula bħala benefiċjarji għal dak il-proġett. Madankollu, huma meħtieġa riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-ħtiġiet identifikati fir-reġjun tal-Afrika kif ukoll f'reġjuni oħra.

49. Il-proġett ġdid ta' assistenza teknika propost huwa segwitu tal-proġett li nbda taħt l-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK. Dan ser jestendi l-appoġġ tekniku lill-istati Afrikani li ma setgħux jiġu inklużi fl-ewwel proġett kif ukoll lill-istati magħżulin fir-Reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew (ir-Reġjun LAC). Fl-għażla tal-pajjiżi benefiċjarji proposti, ser jingħata prijorità lil:

— l-Istati Firmatarji mingħajr Kont Sigur (37 fiż-żewġ reġjuni) u

— l-Istati Firmatarji li għandhom Kont Sigur iżda li jeħtieġu li jsaħħu l-infrastruttura teknika tagħhom sabiex jiżdied l-użu minnhom tad-data tal-IMS u tal-prodotti tal-IDC għall-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fis-sistema ta' verifika kif ukoll għal applikazzjonijiet ċivili u xjentifiċi.

50. Biex jiġu sostnuti l-attivitajiet tal-NDCs, ir-riżorsi meħtieġa għall-operat tal-faċilità għandhom jiġu pprovduti mill-pajjiżi riċevienti. L-impenn tal-pajjiż riċevienti huwa meqjus bħala prerekwiżit għas-suċċess tal-proġett.

51. Bħal fil-każ tal-proġett li nbda taħt l-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK, dan il-proġett ser jinvolvi l-għoti ta' taħriġ fi gruppi fir-reġjun dwar il-proċessar tad-data tal-IMS u l-analiżi tal-prodotti taċ-Ċentru tad-Data Internazzjonali (IDC), kif ukoll il-forniment ta' tagħmir bażiku meta jkun meħtieġ. Jekk ikun fattibbli, attivitajiet ta' taħriġ immirat u assistenza teknika oħra ser jiġu ppjanati għall-istati benefiċjarji li fihom ġew identifikati u vvalutati ħtiġijiet partikolari rigward l-istabbiliment ta' NDCs u SSAs kif ukoll rigward il-benefiċċji ċivili u xjentifiċi tas-sistema. L-attivitajiet kollha fl-Istati benefiċjarji ser jitwettqu f'koordinazzjoni mill-qrib mal-PTS u b'appoġġ minnu biex tiġi żgurata l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-isforzi ta' taħriġ u assistenza mwettqa f'dan il-proġett, kif ukoll biex tiġi żgurata armonizzazzjoni adegwata mal-attivitajiet imwettqa taħt l-Azzjoni Konġunta 2006/243/PESK.

52. Abbażi tal-kriterji tal-għażla msemija fil-paragrafu 47, il-PTS jipprevedi attivitajiet f'kemm jista' jkun mill-pajjiżi li ġejjin, soġġett għal valutazzjoni minn qabel mill-PTS tal-fattibbiltà meta jitqiesu l-kondizzjonijiet lokali li jipprevalu f'dak iż-żmien:

- fl-Afrika, l-istati elenkati, iżda mhux magħżulin bħala parti mill-proġett li nbeda taħt l-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK: l-Angola, il-Komoros, is-Sważiland, ir-Rwanda, il-Benin, il-Ginea Ekwatorjali, il-Ginea, il-Ginea Bissaw u t-Togo, kif ukoll dawn l-istati: il-Botswana, Burkina Faso, il-Kamerun, il-Kap Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Côte d'Ivoire, il-Kongo Brazzaville, Ġibuti, il-Liberja, il-Madagaskar, Mali, in-Namibja, in-Niġer, in-Niġerja, u s-Senegal.
- fir-Reġjun tal-LAC: Antigwa u Barbuda, il-Barbados, il-Bahamas, il-Beliże, il-Bolivja, il-Kosta Rika, ir-Repubblika Dominikana, l-Ekwador, El Salvador, Grenada, il-Gwatemala, il-Gujana, Haiti, il-Honduras, il-Ġamajka, il-Panama, u l-Paragwaj, is-Surinam u l-Urugwaj.

Benefiċċji

53. Il-proġett għandu l-għan li jiġġenera numru ta' benefiċċji importanti għas-CTBTO u l-istati benefiċjarji, jiġifieri li jippermetti lill-NDCs fl-istati benefiċjarji li jkollhom kapaxxijiet tekniċi kwalifikati aħjar għal:

- iż-żamma u l-manutenzjoni tal-istazzjonijiet tagħhom tal-IMS,
- l-analiżi u l-ġestjoni tad-data u l-prodotti tad-data. Minbarra l-verifika tas-CTBT, dan ser ikun ukoll ta' benefiċċju għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskji u t-tnaqqis ta' diżastri naturali permezz tal-proċessi ta' twissija ta' diżastru, it-tħejjija u l-mitigazzjoni.

54. Huwa ser jippermetti lil dawk l-istati li jistabbilixxu NDCs biex jirċievu u janalizzaw id-data mhux proċessata pprovduta f'linja reali mill-IDC. L-istati li jistabbilixxu NDCs ser jirċievu appoġġ teknoloġiku u uman mill-PTS, u dan l-appoġġ ser jgħin lill-istati riċevituri biex jibnu u jżommu l-kapaxxijiet tekniċi meħtieġa biex jipparteċipaw bis-siġh fis-sistema ta' verifika tas-CTBT. Barra minn hekk, ser jinkiseb apprezzament akbar fost l-istati benefiċjarji ta' kif il-ħolqien ta' NDC jista' jgħin biex il-bażi xjentifika tagħhom issir aktar rikka u kif id-data tal-IMS tista' tintuża biex jiġu analizzati l-avvenimenti fir-reġjun.

Deskrizzjoni

55. Il-PTS ser jidentifika u jipprovdi żewġ esperti tekniċi bħala konsulenti li ser ikunu bbażati jew direttament fiż-żewġ reġjuni jew fi Vjenna għal dan il-proġett u li ser jikkordinaw l-attivitajiet kollha tagħhom f'konsultazzjoni mal-ġestjoni tal-PTS u bl-approvazzjoni tiegħu.

Fażi 1: Żgħir ta' evalwazzjoni teknika

56. Ser issir żjara lil Stati benefiċjarji potenzjali kif deskritt hawn fuq biex jiġi vvalutat l-għarfien u l-użu tad-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC. L-esperti ser jaħdmu flimkien mal-Awtoritajiet Nazzjonali (maħtura jew stabbiliti mill-istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu III tas-CTBT) biex jifhmu l-ħtiġijiet u l-perċezzjonijiet attwali, u biex ikabbru l-għarfien dwar id-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC, inkluż l-użu potenzjali tagħhom għal skopijiet ċivili u xjentifiċi. Barra minn hekk, ser jiġi stabbilit kuntatt ma' istituzzjonijiet rilevanti oħrajn f'kull pajjiż li jista' jibbenefika mill-użu tad-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC. Ser jiġi ffaċilitat networking bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali u l-istituzzjonijiet rilevanti, kif adatt. F'każijiet fejn ikun jeżisti NDC, ser jiġi vvalutat l-istatus ta' kull NDC f'termini ta' persunal u infrastruttura (inkluża l-infrastruttura tal-kompjuters u tal-Internet), sabiex jifasslu attivitajiet prijoritarji.

Fażi 2: Taħriġ

57. Ser isiru sessjonijiet ta' taħriġ reġjonali, li ser iġibu flimkien parteċipanti mill-istituzzjonijiet identifikati fil-fażi 1. Dan it-taħriġ ser jipprovdi istruzzjoni teknika dwar id-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC. Matul dan it-taħriġ, il-partiċipanti ser jaħdmu b'software tal-PTS żviluppat għall-NDCs, li jista' jintuża għall-aċċess u l-analiżi tad-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC. Dan it-taħriġ ser jipprovdi wkoll opportunità biex titrawwem kooperazzjoni bejn il-persunal tekniku f'istituzzjonijiet fir-reġjun.

58. Sussegwentement, ser tingħata assistenza teknika estiża biex jintgħażlu NDCs biex jgħinu fl-applikazzjoni ta' lezzjonijiet meħudin mit-taħriġ reġjonali għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Dan it-taħriġ ser jifassal skont il-ħtiġijiet ta' kull NDC, is-sett ta' ħliet ta' kull wieħed mill-persunal tal-NDC u b'kont meħud tal-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-partiċipanti ser jinstallaw u jikkonfiguraw software tal-NDC bl-assistenza tal-espert tekniku u ser jistabbilixxu sistemi ta' ksib, proċessar, analiżi u rappurtar tad-data fuq bażi ta' rutina skont il-ħtiġijiet ta' kull Awtorità Nazzjonali. Barra minn hekk, xi pajjiżi ser jingħataw tagħmir bażiku tal-NDC, inkluż hardware tal-kompjuters u periferali, skont il-ħtiġijiet iġġenerati tagħhom. Jekk jiġi pprovdut it-tagħmir, jiġu wkoll ipprovdut mill-espert tekniku t-taħriġ fuq l-installazzjoni, iż-żamma, u t-tħaddim ta' dak it-tagħmir.

Fażi 3: Segwitu

59. Biex jikkonsolidaw il-ħiliet miksuba u/jew jagħlu l-vojt li jifdal wara l-fażi 1, ser issir żjara ta' ritorn lill-pajjiżi benefiċjarji biex issir valutazzjoni dwar kif il-parteċipanti qed jużaw dak li tgħallmu fis-sessjonijiet tat-taħriġ fil-fażi 1.
60. L-oġġettiv ta' dawn iż-żgħajr qosra ta' segwitu hu li jiġi żgurat li l-persunal tekniku lokali jkun jista' juża d-data tal-IMS u l-prodotti tal-IDC fuq bażi ta' rutina. Dawn l-isforzi ser ikunu mfassla skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet lokali, bil-ħsieb tas-sostenibbiltà, sabiex l-attivitajiet ikomplu anki wara li jintemm dan il-proġett. Rapport komprensiv konklużiv għal kull pajjiż benefiċjarju ser jifforma l-bażi biex l-attivitajiet ikomplu jiġu segwiti fil-pajjiżi rispettivi.

Tul tal-proġett

61. Skont il-ħtiġijiet invlutati fl-istat benefiċjarju, huwa antiċipat li l-esperti tekniċi ser jibqgħu bejn 3 sa 6 għimghat f'kull pajjiż benefiċjarju. Il-preżenza totali fil-pajjiżi benefiċjarji hija prevista li ser tkun minn 12 sa 15-il xahar. It-tul ta' żmien totali smat għall-implimentazzjoni tal-proġetti hu ta' 18-il xahar.

Proġett IV: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet OSI tas-CTBT: permezz tal-iżvilupp ta' sistema ta' kxif ta' gass nobbli (RadioXenon) fuq il-post Ibbażata fuq OSI (OSI XeFDS)

Sfond

62. L-importanza tal-kxif ta' gass nobbli saret evidenti fis-snin reċenti, mhux l-inqas fil-kuntest taż-żewġ testijiet nukleari mħabbrin mir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK) fl-2006 u fl-2009. Għalhekk il-bini ta' din il-kapaċità b'mod partikolari għall-finijiet speċifiċi tal-OSI huwa element ewlieni biex tkun żgurata l-verifika futura tal-konformità mas-CTBT. L-eżerċizzji reċenti tal-OSI, bħall-Eżerċizzju Integrat fil-Post fl-2008 (IFE08) fil-Kazakistan, it-test sempliċi inizjali tat-tagħmir RadioXenon fl-2006, kif ukoll l-eżerċizzju tal-Esperiment tal-Gass Nobbli (NG09) fis-Slovakkja fil-ħarifa tal-2009 pprovdew esperjenzi operattivi siewja fir-rigward tar-rekwiżiti għal OSI XeFDS. Abbażi tal-analiżi li ġejja minn dawk l-eżerċizzji sar evidenti li s-sistemi ta' gass nobbli eżistenti mhux ser jissodisfaw il-kondizzjonijiet tipiċi fuq il-post u dawk operattivi li jiġu ffaċċjati matul OSI reali⁽¹⁾. Għal dan ġew identifikati tliet raġunijiet tekniċi prinċipali:

- F'termini ta' kwantifikazzjoni ta' kampjun, l-istrateġiji tat-teħid ta' kampjuni tal-gass mill-ħamrija indikaw hteġa li jiġu proċessati minn 10 sa 30 kampjun fuq il-post kuljum. B'total li jammonta sa erba' gruppi tat-teħid ta' kampjuni fuq il-post li jiġbru kampjuni flott u kampjuni tal-gass mill-ħamrija matul OSI, unità analitika waħda b'żewġ sensuri biss mhijiex biżżejjed biex jiġu mmaniġġjati dawn il-kwantitajiet. Dan ser ikun ta' xkiel għall-metodoloġija sħiħa tal-Gass Nobbli.
- L-esperjenza proċedurali tal-IFE08 wriet li l-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tal-OSI huma bbażati fuq katina ta' kustodja ssikkata u magħluqa.
- Tnaqqis tal-piż u l-volum tal-lott tas-sistema tal-gass nobbli tal-OSI huwa meħtieġ minħabba l-kunċetti loġistiċi stretti u l-operati prevedibbli f'lokazzjonijiet remoti taħt kondizzjonijiet severi ta' klima kif ukoll restrizzjonijiet mill-provvista tal-enerġija limitata. Jeħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq disinn rinfurzat sew għall-kapaċità operattiva tiegħu fuq il-post.

Oġġettiv

63. L-oġġettiv ta' dan il-proġett huwa t-tfassil mill-ġdid u l-provvista ta' prototip modulari OSI XeFDS li tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tal-OSI b'mod partikolari f'termini tal-ammont ta' kampjuni ta' gass nobbli u t-trasportabbiltà. L-għan huwa li s-sistema tiġi pprovduta fil-ħin għat-tħejija għall-Eżerċizzju Integrat fil-Post li jmiss fl-2013 (IFE13).

Ambitu

64. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-OSI msemmijin hawn fuq għal sistema ta' kxif ta' gass nobbli, ser jiġu mistiedna fornituri potenzjali biex jippreżentaw proposti biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tekniċi li ġejjin:

- Sistema Modulari: għandu jiġi żviluppat tagħmir tar-RadioXenon modulari speċifiku tal-OSI li jikkonsisti minn unità waħda tal-ipproċessar ċentrali li ser ikollha tikkontrolla diversi kmamar analitiċi simultanjament u ugwalment. Din il-proposta tal-proġett għandha biss l-għan li tkopri l-provvista lill-PTS ta' unità bażi waħda u żewġ unitajiet plug-on kull waħda, b'żewġ ikmamar analitiċi kull wieħed (total ta' 4). Madankollu, il-par inizjali ta' unitajiet analitiċi modulari ser jipprovidi l-possibbiltà teknika biex aktar tard jittejjeb b'pari add-on ta' sensuri addizzjonali, pereżempju billi jiġu konnessi sa 16-il par ta' kmamar analitiċi ma' unità bażi waħda biss.

⁽¹⁾ Is-sistemi ta' gass nobbli, li ġew akkwistati skont l-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK, huma tagħmir trasportabbli li jissodisfa r-rekwiżiti biex jintuża bħala "stazzjon bażi mobbli" għall-kejl tal-isfond globali u kontinwu tar-RadioXenon, iżda mhumiex maħsubin għall-finijiet ta' fuq il-post tal-OSI. Dawn is-sistemi ser jinżammu fil-kustodja tal-PTS u ser iservu bħala unitajiet ta' taħriġ għall-OSI u bħala sistemi mobbli ta' riżerva għall-IMS.

- Tfassil ġeometriku mill-ġdid: Din il-proposta tkopri mhux biss disinn tekniku/funzzjonali mill-ġdid, iżda wkoll tfassil ġeometriku mill-ġdid biex jiġu sodisfatti rekwiżiti operattivi speċifiċi li jinsabu f'OSI. L-isfida tat-tfassil u l-valur miżjud ta' dan il-proġett huwa t-tnaqqis konsiderevoli ta' sistemi eżistenti mingħajr ma jintilfu l-kapaċitajiet ta' kxif inizjali fl-ordni ta' 1 mBq/m³. Għalhekk id-detetturi kollha tal-gass nobbli fil-kaxxa modulari tagħhom għandhom jew ikunu jistgħu jaħdmu taħt diversi kondizzjonijiet klimatiċi ambjentali mingħajr l-operat kollu problemi tan-nitroġenu likwidu jew jużaw enerġija elettrika għat-tkessiħ termoelettriku (jekk ikun meħtieġ).
- Id-disinn elettriku tal-OSI XeFDS għandu jkun kemm jista' jkun effiċjenti fl-enerġija biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija elettrika matul użu fuq il-post.
- Sabiex tiġi ssikkata l-katina ta' kustodja, is-sistema ser ikollha tkun kapaċi tissorvelja l-passi operattivi kollha f'ħin reali minn reġistratur tad-data għal parametri ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni, numru ta' kampjun, passi operattivi eċċ. Dan ser jinkiseb b'disinn tajjeb mill-ġdid tas-software operattiv.

65. Wara l-provvista tal-prototip ta' sistema modulari, hija prevista fażi ta' validazzjoni, ittestjar u taħriġ bil-ħsieb li s-sistema tkun tista' titħaddem għall-IFE13.
66. Minbarra r-rekwiżiti tekniċi ġeneriċi msemmijin hawn fuq, aktar tard aktar speċifikazzjonijiet ta' żvilupp u rekwiżiti partikolari tas-sistema teknika ser jiġu bbażati fuq is-sejbiet dettaljati mill-NG09 u fuq diskussjonijiet tekniċi previsti li għandhom jitwettqu matul Laqgħa tal-Esperti tal-Gass Nobbli ppjanata fit-tieni kwart tal-2010. Madankollu, is-sejbiet u l-konklużjonijiet prinċipali minn diskussjonijiet tal-esperti matul l-NG09 intużaw fit-tħejija għal din il-proposta u mhuma mistennija li jinfidlu fir-rapport u lanqas fir-rekwiżiti tal-proġett.

Benefiċċji

67. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' kxif ta' gass nobbli huwa rekwiżit ewlieni għall-prontezza operattiva tal-OSI u, b'hekk, għall-effettività u l-kredibbiltà tas-sistema ta' verifika tas-CTBT. Bħala riżultat ta' dan il-proġett, unità bażi waħda operattiva kompletament u faċilment trasportabbli b'żewġ pari ta' sensuri plug-on modulari hija mistennija li tiġi pprovduta qabel l-IFE13 previst. Dan ser jippermetti avvanzjati operattivi sinifikanti fil-kapaċità ta' kxif ta' gass nobbli matul OSI mingħajr ma tintilef il-kapaċità ta' kxif fl-ordni ta' 1 mBq/m³.
68. Is-sistema modulari prevista ser tippermetti wkoll it-titjib faċli tal-hardware eżistenti qabel it-tneġġja tal-missjoni speċifika tal-OSI sempliċement billi jiġu integrati moduli addizzjonali ta' sensuri bħala plug-ins robusti għal sistema bażika waħda. Barra minn hekk, iż-żamma u l-iffittjar ta' partijiet tar-rikambju taħt il-kondizzjonijiet ta' fuq il-post matul OSI ser jiġu ffaċilitati bil-kbir.

Tul tal-proġett

69. Abbażi ta' proġetti simili ta' disinn tekniku mill-ġdid, hu mistenni li ekwipaġġ ta' żewġ inġiniera ser ikollhom jaħdmu għal-sentejn b'mod kontinwu; it-tul massimu tal-proġett sħiħ huwa f'fissat għal sentejn.
70. Il-proġett huwa previst li jibda fit-tielet kwart tal-2010 u li jdum sal-2012. Il-fażijiet u l-iskedi huma ppreżentati hawn taħt:

— Fażi I Kunċettwalizzazzjoni u Blueprint III.2010 - VI.2010

— Fażi II Il-bini ta' Prototip wieħed tal-OSI XeFDS I.2011 - II.2011

— Fażi III Bank tal-prova (test bed) tal-Prototip u Rfinar tal-Kunċett III.2011

— Fażi IV Prototip irfinat fuq bank tal-prova IV.2011

— Fażi V Produzzjoni ta' OSI XeFDS wieħed irfinat I.2012 - III.2012 (unità bażi waħda, erba' sensuri/żewġ pari ta' sensuri)

— Fażi VI Provvista u Taħriġ Inizjali ta' Familjarizzazzjoni mat-Tagħmir IV.2012

71. L-iskedi ta' hawn fuq jippermettu l-flessibilità interna. Madankollu, it-taħriġ ta' spetturi supplenti dwar is-sistema ta' kxif ta' gass nobbli tal-OSI huwa rekwiżit obligatorju għat-tħaddim tas-sistema matul l-IFE13 ippjanat. Id-data tal-provvista tal-OSI XeFDS ittestjata, li ser tikkonsisti minn unità bażi waħda u żewġ pari modulari ta' kmamar analitiċi, hija għalhekk iffissata għall-31 ta' Diċembru 2012. Minħabba r-restrizzjonijiet konsiderevoli ta' żmien, ser isiru sforzi biex tinbeda u titmexxa l-fażi ta' applikazzjoni (fażi żero) ta' dan il-proġett simultanjament mal-kunċettwalizzazzjoni u l-fażi ta' blueprint inizjali (fażi 1).

III. TUL TA' ŻMIEN

It-tul ta' żmien totali għall-implimentazzjoni tal-proġetti huwa stmat għal 18-il xahar.

IV. BENEFIĊJARJI

Il-benefiċjarji tal-proġetti li għandhom jiġu appoġġati skont din id-Deċiżjoni huma l-Istati Firmatarji kollha tas-CTBT, kif ukoll il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

L-għażla finali tal-pajjiżi benefiċjarji għall-komponent tal-proġett "Assistenza Teknika" ser issir f'konsultazzjoni bejn l-entità implimentattiva u r-RGħ fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill. Id-deċiżjoni finali ser tkun ibbażata fuq proposti mill-entità implimentattiva skont l-Artikolu 2(2) ta' din id-Deċiżjoni.

V. ENTITÀ IMPLIMENTATTIVA

Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO ser tiġi fdata bl-implimentazzjoni teknika tal-proġetti. Il-proġetti ser jiġu implementati direttament mill-persunal tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, mill-esperti mill-Istati Firmatarji tas-CTBT u mill-kuntratturi. Fil-każ tal-kuntratturi, l-akkwist ta' kwalunkwe merkanzija, xogħol jew servizz mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni ser jitwettagħ kif dettaljat fil-ftehim ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

L-entità implimentattiva ser tħejji:

- rapport ta' nofs it-terminu wara l-ewwel sitt xhur tal-implimentazzjoni tal-proġetti,
- rapport finali mhux aktar tard minn xahar wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

Ir-rapporti ser jintbagħtu lir-RGħ.

VI. PARTEĊIPANTI TERZI

Il-proġetti ser jiġu ffinanzjati fl-intier tagħhom b'din id-Deċiżjoni. L-esperti mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO u mill-Istati Firmatarji tas-CTBT jistgħu jitqiesu bħala parteċipanti terzi. Huma ser jaħdmu skont ir-regoli ta' ħidma standard għall-esperti tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Awwissu 2010

dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' finanzjament fuq proġett pilota għall-promozzjoni tal-għoti ta' setgħa lill-konsumatur, l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej permezz tat-taħriġ tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet simili

(2010/462/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju"), u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ r-"Regoli Implimentattivi"), u b'mod partikolari l-Artikolu 90 tiegħu,

Billi:

- (1) B'mod konformi mal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 90(1) tar-Regoli Implimentattivi, l-impenn ta' nfiq mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu Deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi l-infiq u għandha tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li s-setgħat tagħhom ġew delegati mill-istituzzjoni.
- (2) B'mod konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament Finanzjarju l-proġett pilota attwali huwa skema pilota li għandha natura esperimentali mfassla biex tittestja l-fattibbiltà ta' azzjoni u l-utilità tagħha.
- (3) Fil-baġit tal-Unjoni għall-2010 l-Awtorità Baġitarja allokat EUR 1 miljun għal proġett pilota li jikkonċerna l-għoti ta' setgħa lill-konsumatur, l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej permezz tat-taħriġ.
- (4) Huma previsti tliet azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett pilota, u l-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet għandu jkun soġġett għal Deċiżjoni waħda.
- (5) Minħabba li s-servizzi finanzjarji qegħdin isiru aktar kumplessi, il-konsumaturi għandhom aktar bżonn ta'

parir finanzjarju. Servizz ta' parir finanzjarju ġenerali jista' jagħti setgħa lill-konsumaturi, u jipprovdi l-informazzjoni dwar kif wieħed jista' jixtri s-servizzi finanzjarji b'mod intelliġenti. It-taħriġ ta' entitajiet li m'għandhomx skop ta' qligħ, bħal pereżempju l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra kif ukoll organizzazzjonijiet governattivi, ser jippermettilhom jipprovdu parir aħjar lill-konsumaturi fuq firxa akbar ta' kwistjonijiet importanti fis-servizzi finanzjarji.

- (6) Din id-Deċiżjoni ta' finanzjament tista' tkopri wkoll il-ħlas tal-imgħax dovut għall-ħlas tardiv abbażi tal-Artikolu 83 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 106(5) tar-Regoli Implimentattivi.
- (7) Huwa xieraq li jiġu definiti t-termini "bidla sostanzjali" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regoli Implimentattivi għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

L-azzjonijiet imsemmijin fl-Anness huma hawnhekk approvati. Dawn għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-linja baġitarja 17 02 04 tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2010 sal-limitu massimu ta' EUR 1 000 000. Dawn l-appropriazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll l-imgħax dovut għall-ħlas tardiv.

L-ammonti indikati fid-deskrizzjonijiet li ġejjin huma indikattivi. Fl-ambitu tal-baġit indikattiv massimu għall-azzjonijiet speċifiċi kollha, il-bidliet akkumulati li ma jaqbżux l-20 % mhumieq meqjusa bħala sostanzjali sakemm ma jaffettwawx b'mod sinifikanti n-natura u l-għanijiet tal-proġett pilota.

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jista' jadotta dawn il-bidliet skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda u tal-proporzjonalità.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

ANNEX

Ambitu: Il-Politika tal-Konsumatur

Proġett pilota li jaqta' taħt il-linja baġitarja 17 02 04

Bażi ġuridika: Il-punt (a) tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002

Approprijazzjoni ta' EUR 1 miljun hija allokata għat-tnedija ta' proġett pilota biex jipprova l-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi, l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej, b'mod partikolari bl-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi fis-servizzi finanzjarji permezz ta' azzjonijiet ta' taħriġ u l-provvista ta' pariri lill-konsumaturi.

L-għadd ta' azzjonijiet ippjanati: Id-DG SANCO jipplanja li jwettaq tliet azzjonijiet differenti fl-ambitu tal-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi fis-servizzi finanzjarji permezz tat-taħriġ.

- Korsijiet ta' taħriġ fis-servizzi finanzjarji għall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet interessati oħra mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu l-informazzjoni u l-pariri lill-utenti finali tas-servizzi finanzjarji skont kuntratt ta' qafas eżistenti. Din l-azzjoni se jkollha kuntrattata skont kuntratt ta' qafas eżistenti f'Settembru 2010 għal ammont ta' EUR 200 000.
- Studju biex jiġu lokalizzati f'kull Stat Membru l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu pariri ġenerali dwar is-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi. Barra minn hekk, l-istudju ser jivvaluta l-aħjar prattiki għas-servizz ta' pariri finanzjarji ġenerali. Ser jidentifika wkoll kull ħtieġ ta' taħriġ relatat mal-pariri finanzjarji li għandhom dawk l-entitajiet. Ammont ta' EUR 150 000 ser jiġi allokati għal dan l-istudju li għalih se jkollha sejħa titnieda sejħa miftuħa għall-offerti (kuntratt ta' servizz) f'Awwissu 2010.

Aktar korsijiet ta' taħriġ fis-servizzi finanzjarji għall-entitajiet interessati mingħajr skop ta' qligħ, li jipprovdu pariri ġenerali lill-konsumaturi dwar servizzi finanzjarji, ser jinjgħu organizzati bħala segwitu għar-riżultati tal-istudju ta' identifikazzjoni msemmi hawn fuq. Ammont ta' EUR 650 000 ser jiġi allokati għal din l-azzjoni ta' taħriġ li għaliha se jkollha sejħa titnieda sejħa miftuħa għall-offerti (kuntratt ta' servizz) f'Mejju 2011.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT